II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1427

tat-12 ta' Ottubru 2020

li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83 fuq importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju f'taħlita jew f'soluzzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ u investigazzjoni parallela

(1) F'Novembru 2008, il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1187/2008 [2] ("ir-Regolament oriġinali"), dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju ("MSG") li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"). Il-miżuri kellhom il-forma ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 33,8 % u 39,7 %.

(2) F'Jannar 2015, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83 [3], il-Kummissjoni, wara rieżami ta' skadenza, imponiet dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mir-RPĊ ("ir-rieżami ta' skadenza preċedenti").

(3) Fl-istess ħin, il-Kummissjoni imponiet permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/84 [4], dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mill-Indoneżja.

(4) Fil-21 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza [5], skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mir-RPĊ u fl-Indoneżja. Din l-investigazzjoni ta' rieżami għadha għaddejja.

1.2. It-talba

(5) Fit-8 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikoli 13 (3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, biex tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mir-RPĊ u biex tagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni. It-talba ġiet ippreżentata mill-uniku produttur tal-MSG tal-Unjoni, Ajinomoto Foods Europe SAS (iktar' il quddiem l-"applikant").

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1187/2008 tas-27 ta' Novembru 2008 li jimponi taxxa anti-dumping definittiva u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 322, 2.12.2008, p. 1).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/83 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 15, 22.1.2015, p. 31).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/84 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mill-Indoneżja (ĠU L 15, 22.1.2015, p. 54).

[5] Notifika ta' bidu ta' rieżami tal-iskadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indoneżja (ĠU C 20, 21.1.2020, p. 18).

(6) L-applikant ipprovda biżżejjed evidenza li l-miżuri antidumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG qed jiġu evitati. Skont din l-evidenza:

— bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni seħħet wara l-impożizzjoni tad-dazju antidumping definittiv permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83;

— din il-bidla ġejja mill-importazzjoni ta' modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat li ma tbiddilx il-karatteristiċi fundamentali tiegħu iżda jagħmlu jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment ma jkunux soġġetti għall-miżuri, u ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika għal tali prattika għajr l-impożizzjoni tad-dazju;

— l-effetti rimedjanti tal-miżuri eżistenti antidumping fuq il-prodott ikkonċernat kienu qegħdin jiddgħajfu kemm fil-kwantità kif ukoll fil-prezz; kif ukoll

— il-prezzijiet tal-prodott ftit modifikat kienu ddampjati b'relazzjoni mal-valur normali stabbilit qabel.

1.3. **Bidu**

(7) Wara li ddeterminat li teżisti biżżejjed evidenza, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, sabiex tiddetermina jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-MSG f'taħlita jew f'soluzzjoni, li jkun fihom 50 % bil-piż niexef jew aktar tal-MSG, u li joriġinaw fir-RPĊ, humiex qed jevitaw il-miżuri eżistenti.

(8) L-investigazzjoni nbdiet permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/230 ([6]) ("ir-Regolament tal-bidu"). Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, ir-Regolament ta' tnedija ordna lill-awtoritajiet doganali biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' prodott ftit modifikat mir-RPĊ.

1.4. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat**

(9) Il-prodott ikkonċernat mill-evażjoni possibbli huwa l-glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2922 42 00 (il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10) u li joriġina mir-RPĊ ("il-prodott ikkonċernat" jew "MSG"). Il-prodott ikkonċernat huwa soġġett għal miżuri antidumping imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83. Jintuża prinċipalment biex itejjeb it-togħma tas-sopop, tal-brodijiet, tal-platti bil-ħut u bil-laħam u ikel lest biex jittiekel. L-MSG huwa wkoll użat fl-industrija kimika għal applikazzjonijiet mhux tal-ikel bħal deterġenti. L-MSG huwa prodott b'fermentazzjoni batterika ta' sors taz-zokkor (pereżempju lamtu tal-qamħirrum, lamtu tal-qamħ jew lamtu tat-tapjoka, kif ukoll xropp taz-zokkor, melassa tal-kannamieli taz-zokkor u melassa tal-pitravi taz-zokkor). Huwa magħruf ukoll bil-kodiċi E621 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([7]) dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel, huwa deskritt bħala kristalli bojod, prattikament bla riħa jew trab kristallin. L-isem u l-formula kimika tiegħu hija Monosodju L-glutamat monoidrat u $C_5H_8NaNO_4 \cdot H_2O$, rispettivament.

(10) Il-prodott investigat għal ċirkomvenzjoni possibbli huwa l-glutamat tal-monosodju f'taħlita jew f'soluzzjoni, li fih piż xott ta' 50 % jew aktar ta' glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 2103 90 90, ex 2104 10 00, ex 2104 20 00, ex 3824 99 92, ex 3824 99 93 u ex 3824 99 96 (kodiċijiet TARIC 2103 90 90 11, 2103 90 90 81, 2104 10 00 11, 2104 10 00 81, 2104 20 00 11, 3824 99 92 98, 3824 99 93 89 u 3824 99 96 89) u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-prodott investigat" jew "taħlitiet MSG").

1.5. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu ta' rapportar**

(11) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni", jew "PI"). Tul il-perjodu investigattiv, inġabret id-*data* li kellha tiġi investigata, fost l-oħrajn l-allegata bidla fix-xejra tal-kummerċ.

(12) Inġabret *data* aktar iddettaljata għall-perjodu ta' rappurtar mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu ta' rapportar" jew "PR") sabiex jiġi eżaminat jekk l-importazzjonijiet kinux qed jimminaw l-effett ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam ma' prezzijiet u/jew kwantitajiet u l-eżistenza ta' dumping.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/230 tad-19 ta' Frar 2020 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83 fuq l-importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 47, 20.2.2020, p. 9).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

1.6. **L-Investigazzjoni**

(13) Il-Kummissjoni nnotifikat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, lill-importaturi/utenti magħrufa fl-Unjoni li huma kkonċernati u lill-applikant bit-tnedija tal-investigazzjoni.

(14) Ir-Regolament tal-bidu stieden lill-partijiet interessati kollha biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mill-bidu tal-investigazzjoni attwali. Fid-data tal-bidu, il-formola ta' eżenzjoni, il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ u l-kwestjonarju għall-importaturi/utenti fl-Unjoni kienu disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ fuq https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2448.

(15) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament ta' ftuħ. Il-partijiet kollha ġew infurmati li nuqqas ta' kooperazzjoni jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal konklużjonijiet li jkunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(16) Importatur wieħed u sitt utenti fl-Unjoni wieġbu għall-kwestjonarju. Wara talbiet għal kjarifiki dwar it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarji, l-importatur u utent minnhom irtiraw il-kooperazzjoni tagħhom.

1.7. **Nonkooperazzjoni**

(17) L-ebda produttur esportatur jew negozjant mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat jew tal-prodott investigat ma ppreżenta ruħu. Fit-2 ta' April 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-gvern tar-RPĊ dwar dan il-fatt u bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(18) Bl-istess mod, l-ebda importatur jew utent fl-Unjoni tal-prodott investigat, ma kkoopera matul din l-investigazzjoni. Il-ħames utenti li kkooperaw li ssottomettew tweġibiet għall-kwestjonarju ddikjaraw li kienu qed jimpurtaw jew jużaw il-prodott ikkonċernat u kollha kkonfermaw li ma kinux jimportaw il-prodott li qed jiġi investigat jew li kien qed jintuża.

(19) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, is-sejbiet kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

2. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(20) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat suċċessivament l-elementi li ġejjin sabiex tivvaluta ċ-ċirkomvenzjoni possibbli:

— jekk kienx hemm tibdil fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-Unjoni;

— jekk din il-bidla nbtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju;

— jekk hemmx evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju humiex qed jiġu mhedda f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet tal-prodott simili; kif ukoll

— jekk hemmx evidenza ta' dumping f'paragun mal-valuri normali li kienu ġew stabbiliti qabel għall-prodott simili.

2.2. **Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ**

(21) Sabiex tiġi stabbilita bidla possibbli fix-xejra tal-kummerċ, il-Kummissjoni analizzat il-volum tal-importazzjonijiet tal-MSG u t-taħlitiet tal-MSG matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(22) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-MSG ġie stabbilit abbażi tad-*data* tal-Eurostat fil-livell tal-kodiċi TARIC ([8]) għall-perjodu ta' investigazzjoni. L-MSG bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10.

(23) Il-volum tal-importazzjonijiet tat-taħlitiet MSG, ma setax jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat għar-raġunijiet li ġejjin: l-importazzjonijiet tat-taħlitiet tal-MSG allegatament saru taħt il-kodiċijiet NM 2103 90 90, 2104 10 00, 2104 20 00, 3824 90 92, 3824 90 93 u 3824 90 96. Dawn il-kodiċijiet NM għandhom kamp ta' applikazzjoni usa' minn dak tal-prodott investigat. Għalhekk, l-analiżi tal-bidla fix-xejra tal-kummerċ abbażi ta' importazzjonijiet taħt dawk il-kodiċijiet NM kienet tirriżulta fi stima eċċessiva tal-kwantitajiet reali tal-importazzjoni ta' taħlitiet jew soluzzjonijiet tal-MSG.

([8]) It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

(24) Sabiex tistabbilixxi determinazzjoni aktar preċiża tal-volum tal-importazzjoni tat-taħlitiet MSG, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe sors ieħor aktar affidabbli, il-Kummissjoni użat il-metodoloġija li ġejja, abbażi tal-metodoloġija ssuġġerita mill-applikant fit-talba:

(25) L-ewwel stabbiliet il-volumi ta' esportazzjoni kkombinati tal-MSG u tat-taħlita tal-MSG magħrufa bħala "Gourmet Powder" ([9]), mir-RPĊ lejn l-Unjoni kif irreġistrati fl-Atlas Globali tal-Kummerċ jew "GTA" ([10]) taħt il-kodiċijiet doganali Ċiniżi 2922 42 20 u 2103 90 10, rispettivament. Filwaqt li d-*data* għal "Gourmet Powder" għandha tkopri taħlitiet li jkun fihom bejn 80 % u 99 % MSG, din tista' tkopri wkoll esportazzjonijiet ta' MSG pur f'pakketti għassuq tal-konsumaturi. Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li xi taħlitiet tal-MSG, b'ammonti żgħar ta' addittivi qed jiġu esportati mir-RPĊ bħala MSG pur.

(26) Għalhekk, sabiex jinkisbu ċifri għall-importazzjonijiet tat-taħlitiet tal-MSG, il-Kummissjoni naqqset mill-volum totali ta' esportazzjoni stabbilit b'dan il-mod, il-volum tal-importazzjonijiet tal-MSG kif irreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat skont il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10 (ara l-premessa (22)).

(27) Id-differenza li rriżultat tqieset bħala determinazzjoni preċiża b'mod raġonevoli tal-volum ta' importazzjonijiet tat-taħlitiet MSG fl-Unjoni.

(28) Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lill-partijiet interessati kollha bl-intenzjoni tagħha li tuża l-metodoloġija ta' hawn fuq u stednithom biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-metodoloġija u ċ-ċifri ppreżentati. Applikant wieħed biss issottometta kummenti, fejn qabel mal-metodoloġija u ċ-ċifri.

(29) Abbażi tal-metodoloġija deskritta hawn fuq, il-Kummissjoni kisbet id-*data* tal-importazzjoni li ġejja:

Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni

(Unità: tunnellati)

	2013	2014	2015	2016	2017	2018	RP
Il-prodott ikkonċernat	2 317	3 515	5 234	3 652	3 624	2 221	3 063
Il-prodott investigat	2 484	2 437	4 535	2 765	3 046	4 336	8 558

Sors: GTA, Eurostat

(30) L-importazzjonijiet tat-taħlitiet tal-MSG mir-RPĊ lejn l-Unjoni żdiedu b'244 % matul il-PI, u laħqu 8 558 tunnellata fil-PR. Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-MSG, wara ż-żieda inizjali bejn l-2013 u l-2015 kien hemm tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-2015 'il quddiem, u laħqu 3 063 tunnellata fil-PR.

(31) Fuq din il-bażi, jista' jiġi konkluż li saret bidla fix-xejra tal-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

2.3. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju

(32) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Kif issemma fil-premessa (31), ġie konkluż li hemm bidla fir-rutina tal-kummerċ. Kif issemma fil-premessa (19), minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, is-sejbiet kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(33) Fit-talba, l-applikant allega li l-produtturi Ċiniżi qed jesportaw ammonti sinifikanti ta' taħlitiet MSG sabiex jaqgħu taħt kodiċijiet doganali li mhumiex soġġetti għall-miżuri. Dan il-proċess jimmodifika kemxejn il-prodott mingħajr ma jbiddel il-karatteristiċi fundamentali tiegħu.

([9]) Il-Gourmet Powder huwa taħlita Ċiniża tal-MSG magħrufa sew li għandha tkopri taħlitiet li jkun fihom 80 % sa 99 % MSG u klorur tas-sodju.

([10]) https://www.gtis.com/gta/secure/htscty_wta.cfm.

(34) Diġà fl-2015, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri infurmaw lis-servizzi tal-Kummissjoni li l-prattika kienet qed issehħ. L-awtoritajiet doganali kienu osservaw żieda fl-importazzjonijiet tat-taħlitiet MSG b'madwar 1 % tal-melħ tal-mejda taħt kodiċijiet doganali differenti minn dawk soġġetti għall-investigazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet ta' MSG pur naqsu. Fil-fehma tagħhom, l-uniku skop ta' dik il-prattika kien li jiġi evitat id-dazju antidumping minħabba li t-taħlitiet ma biddlux il-karatteristiċi tal-prodott u kellhom l-istess applikazzjonijiet u użi bħall-MSG pur.

(35) Deċiżjonijiet ta' Informazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi ("BTI") maħruġa minn diversi amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri jikkonfermaw li qed issir din il-prattika. Dawn il-BTI ([11]), għal finijiet doganali, jikklassifikaw taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ta' 50 % sa 99 % tal-MSG taħt kodiċijiet NM u TARIC li mhumiex soġġetti għall-miżuri. Dawn id-deċiżjonijiet kollha dwar il-BTI inħarġu fil-PI, u kienu validi mid-data tal-ħruġ matul il-PI. Id-deskrizzjoni tal-oġġetti li għalihom inħarġet BTI tikkonferma li tikkonċerna l-prodott investigat. Għalhekk, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat li saru permezz ta' din il-BTI ma jħallsux id-dazji antidumping.

(36) Analiżi tal-BTI kif ukoll l-applikazzjonijiet għal BTI disponibbli għall-Kummissjoni jikkonfermaw li l-użu huwa l-istess bħal dak tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, xi detenturi tal-BTI huma importaturi magħrufa tal-prodott ikkonċernat minn investigazzjonijiet preċedenti. Fil-fatt, wieħed mid-detenturi tal-BTI ġie identifikat ukoll mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri bħala l-importatur tat-tranżazzjonijiet spjegati fil-premessa (34).

(37) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika għall-użu tal-prodott investigat. Kif muri mit-talba tal-applikant, il-prattika li jintużaw it-taħlitiet tal-MSG minflok l-MSG pur timponi piż ekonomiku addizzjonali fuq l-utenti, u b'hekk ikunu meħtieġa jaġġustaw il-prodott, it-tikkettar u r-riċetti tagħhom biex iqisu ż-żieda fil-volumi tal-melħ. Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika għaliha għajr l-evażjoni tal-miżuri tal-MSG. Barra minn hekk, l-applikant iqis li ż-żieda qawwija tal-melħ fl-MSG iżżid pass żejjed għall-proċess ta' produzzjoni li jimponi piż ekonomiku addizzjonali għall-produtturi fil-forma ta' xogħol addizzjonali u sorveljanza, jiġifieri żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

(38) Kif imsemmi fil-premessa (16) il-Kummissjoni inizjalment irċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju minn sitt utenti. Utent wieħed iċċara li kien qed juża MSG pur sabiex joħloq it-taħlitiet tal-MSG tiegħu skont il-perċentwal tal-MSG li kien applikat. Xi utenti li kkooperaw iddikjaraw li kienu qed jixtru taħlitiet ta' MSG mill-forniturі tal-Unjoni. Ħadd minnhom ma rrapporta xi importazzjonijiet tal-prodott investigat u l-ebda wieħed minnhom ma kkummenta jew ipprovda xi ġustifikazzjoni għall-użu tiegħu.

(39) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li din il-bidla li ġejja mill-importazzjoni ta' modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat li ma tbiddilx il-karatteristiċi fundamentali tiegħu iżda jagħmlu jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment ma jkunux soġġetti għall-miżuri, qed issehħ, u ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika għal tali prattika għajr l-impożizzjoni tad-dazju.

2.4. **L-effetti ta' rimedju tad-dazju qed jiddgħajfu**

(40) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat jekk it-taħlitiet MSG importati, f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet, dgħajfux l-effetti rimedjali tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mir-RPĊ.

(41) Kif imsemmi fil-premessa (29), l-investigazzjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet tat-taħlitiet MSG matul il-perjodu ta' rapportar kienu importati fi kwantitajiet sinifikanti. Huma ammontaw għal aktar minn 10 % tal-konsum tal-Unjoni fil-PR. Il-konsum tal-Unjoni huwa bbażat fuq iċ-ċifri stmati mill-applikant, jiġifieri [77 000 – 79 000] ([12]) tunnellata.

(42) Il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju tal-esportazzjoni tat-taħlitiet MSG matul il-perjodu ta' rapportar (stabbilit bl-istess metodoloġija bħal dik imsemmija fil-premessa (24)), aġġustat kif xieraq minn FOB ([13]) għal-livell CIF ([14]), bil-prezzijiet medji mhux dannużi tal-industrija tal-Unjoni kif stabbilit matul il-PIR tar-rieżami ta' skadenza preċedenti.

(43) Il-paragun wera marġini sinifikanti ta' bejgħ taħt il-prezz ta' 93 %.

([11]) DE5918/15-1 u PLPL-WIT-2015-0055, it-tnejn maħruġa fl-2015 għall-klassifikazzjoni tat-taħlita MSG 99 % + Melħ 1 % taħt il-kodiċi tan-nomenklatura 3824909390; PLBTIWIT-2020-000347 maħruġa fl-2020 (li tissostitwixxi PL-WIT-2017-00240 maħruġa fl-2017), għall-klassifikazzjoni ta' taħlita MSG 99 % + Salt 1 % taħt il-kodiċi tan-nomenklatura 38249993; DEBTI9861/20-1 maħruġa fl-2020, għall-klassifikazzjoni tat-taħlita li tikkonsisti minn 50 % jew iktar MSG taħt il-kodiċi tan-nomenklatura 3824999389; ES2015SOL000000001076-1 maħruġa fl-2016, għall-klassifikazzjoni ta' taħlita li tikkonsisti minn 59,9 % MSG + Melħ, taħt il-kodiċi tan-nomenklatura 21039090.

([12]) Peress li hemm biss produttur wieħed tal-Unjoni u sabiex tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità ta' tali data, il-konsum totali huwa ppreżentat fil-forma ta' firxa.

([13]) Frank Abbord

([14]) Kost Assigurazzjoni u Nol

(44) Fuq il-bażi ta' din id-*data*, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet tat-taħlitiet MSG qed jimminaw l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet.

2.5. **Evidenza ta' dumping**

(45) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni evalwat jekk kienx hemm dumping fir-rigward tal-valuri normali preċedentement stabbiliti għall-prodott simili. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju tal-esportazzjoni tat-taħlitiet MSG matul il-perjodu ta' rapportar ((stabbilit bl-istess metodoloġija bħal dik imsemmija fil-premessa (24)), mal-valur normali stabbilit għall-prodott simili fir-rieżami ta' skadenza preċedenti.

(46) Il-paragun wera marġini sinifikanti ta' dumping ta' 99,7 %.

2.6. **Miżuri**

(47) Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw fir-RPĊ kif definiti fir-rieżami ta' skadenza preċedenti ġew evitati mill-importazzjonijiet tal-prodott investigat.

(48) L-investigazzjoni stabbiliet li kien hemm bidla fix-xejra tan-negozju bejn ir-RPĊ u l-Unjoni u li din il-bidla tiġi minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-effetti rimedjali tad-dazju qed jiġu mminati f'termini tal-prezzijiet u l-kwantitajiet tal-prodott simili, filwaqt li nstab dumping sinifikanti wkoll, b'rabta mal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott simili.

(49) Għalhekk, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping fis-seħħ għandhom jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-prodott investigat.

(50) Skont l-Artikolu 13(1), it-tieni paragrafu tar-regolament bażiku, il-miżura li għandha tiġi estiża għandha tkun dik stabbilita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83, "il-kumpaniji l-oħra kollha", jiġifieri dazju antidumping definittiv ta' 39,7 % applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju.

(51) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedu li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tal-bidu, għandu jinġabar id-dazju antidumping fuq dawk l-importazzjonijiet reġistrati tal-prodott investigat.

3. **DIVULGAZZJONI**

(52) Il-partijiet kollha interessati ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jwasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq. Dawn ingħataw ukoll perjodu għas-sottomissjoni tal-kummenti tagħhom wara dan l-iżvelar. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti biss mill-applikant, li appoġġja dan il-metodu.

(53) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju antidumping definittiv impost fuq "il-kumpaniji l-oħra kollha" bl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83 fuq importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' glutamat tal-monosodju f'taħlita jew f'soluzzjoni li fih 50 % jew aktar ta' piż xott ta' glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 2103 90 90, ex 2104 10 00, ex 2104 20 00, ex 3824 99 92, ex 3824 99 93 u ex 3824 99 96 (kodiċijiet TARIC 2103 90 90 11, 2103 90 90 81, 2104 10 00 11, 2104 10 00 81, 2104 20 00 11, 3824 99 92 98, 3824 99 93 89 u 3824 99 96 89) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Id-dazju estiż permezz tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/230 u bl-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1036.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiżi permezz tal-Artikolu 1, għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-entità li tkun qiegħda titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: CHAR 04/039
1049 Brussels
Belgium

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jevadux il-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/83, mid-dazju estiż permezz tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba jieqfu mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/230.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN